# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
# SUPERJURI

**MAGISTRAT Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2002**

Citazzjoni numru 6/89

Emanuel Grima u Carmelo Tabone

-vs-

Frenc Sciberras u Felic Sciberras

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew:

"illi l-attur Carmelo Tabone huwa l-proprjetarju u l-attur Emanuel Grima huwa l-inkwilin ta' porzjon art maghrufa bhala "tal-Ponta" sive "Ta''Berixa" fil-limiti ta' Sannat, Ghawdex bil-kejl ta' cirka erba' sighan pari ghal seba' mija u disgha u erbghin metri kwadri (749m.k.) jew kejl verjuri li tmiss minn nofsinhar ma' beni ta' Emanuel Xuereb u mill-majjistral ma' beni mqabbla ghand il-konvenuti jew xi hadd minnhom;

Illi din l-art kienet tgawdi access b'kull mod, inkluz bil-vettura minn passagg wiesa' li kien hemm u li kien iwassal proprju sa din l-art; liema passagg ilhu hekk utilizzat minn bosta snin 'il hawn;

U illi l-konvenuti jew min minnhom, ghandhom bi qbiela, porzjon art ohra li tmiss mal-passagg fuq deskritt;

U illi fil-jiem bejn l-ewwel u l-hdax ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1-11.12.1988) il-konvenuti qabdu u hartu parti minn dan il-passagg u okkupaw parti mill-wisa' tieghu u dejqu l-bieb li minnu l-atturi kienu jidhlu ghall-art taghhom u dan abbuzivament u klandestinament;

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet l-konvenuti naqsu li jispurgaw l-ispoll minnhom kommess.

Talbu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. taqta' u tiddeciedi li l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin fil-konfront ta' l-atturi meta fil-jiem ta' bejn l-ewwel u l-hdax ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (1-11.12.1988) vjolentement u klandestinament qabdu u hartu u okkupaw parti mill-passagg ossia trejqa li kienet taghti ghall-art ta' l-atturi fuq deskritta u inoltre, ghalqu u mblokkaw bil-gebel parti mill-bieb li minnu kienu jidhlu ghall-art taghhom;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti, huma jispurgaw l-ispoll minnhom kommess u jergghu jpoggu kollox fl-istat originali tieghu;

3. tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti, jaghmlu l-istess xoghlijiet a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja mibghuta fit-tlettax ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u tmenin (13.12.1988) u tal-protest gudizzjarju mibghut fil-wiehed u ghoxrin ta' Dicembru ta' l-istess sena (21.12.1988).

Il-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qeghdin jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li permezz taghhom opponew illi:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi l-access li tgawdi l-art ta' l-attur Carmelo Tabone mqabbla lil Emanuel Grima l-attur l-iehor huwa biss bir-rigel u mhux b'kull mod kif qeghdin jippretendu l-atturi liema access ma giex negat lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, komprizi n-noti ta' l-osservazzjonijiet u z-zewg relazzjonijiet tal-periti legali nominati fil-kors tal-proceduri.

Ikkunsidrat:

Trattandosi ta' kawza ta' spoll privilleggjat huma tlieta l-elementi li l-atturi huma tenuti jippruvaw ghall-akkoljiment tat-talba taghhom, dawn l-elementi huma: il-pussess; il-fatt ta' l-ispoll; li l-azzjoni tkun saret zmien xahrejn mid-data ta' l-allegat spoll. Issa dwar it-tielet u l-ahhar element ftit hemm xi tghid, fil-kuntest tal-kawza, billi l-konvenut m'humiex qed jinnegaw, anzi jammettu, li fil-perjodu ta' l-allegat spoll, huma dahlu u hartu l-ghelieqi taghhom b'tali mod li ma kienx possibbli ghajr access lill-atturi bir-rigel biss.

Huwa proprju fl-estensjoni ta' dan l-access li tistrieh il-kawza billi l-atturi jsostnu li l-ispoll gie kommess kontra taghhom fil-waqt li huma gew impeduti milli jibqghu igawdu d-dritt ta' passagg bir-rigel u vetturi minn fuq l-ghelieqi tal-konvenuti, liema stat ta' fatt il-konvenuti qed jikkontestaw billi jirrikonoxxu biss dritt ta' passagg bir-rigel fix-xitwa u addizzjonalment bl-ingenji fis-sajf a differenza ta' l-atturi li jippretendu access b'kull mod is-sena kollha.

Ghalhekk l-ezitu tal-kawza hu dipendenti u cirkoskritt fuq il-prova tal-pussess ta' l-atturi ta' dan id-dritt allegat minnhom, liema prova, jekk tirrizulta pruvata minnhom, tikkostitwixxi ukoll prova tat-tieni element, ossia l-fatt ta' l-ispoll. Ghalhekk hu l-pussess materjali taghhom tad-dritt ta' access kif allegat minnhom li huwa determinanti ghall-ezitu tal-kawza u li huma kienu tenuti jippruvaw.

Illi appena hemm bzonn jinghad li l-pussess jew detenzjoni, biex jaghtu lok ghall-azzjoni ta' spoll, jehtieg li ma jkunx jikkonsisti biss f'semplici komodu jew vantagg ta' fatt, imma jehtieg li jirrivesti l-karatteri esterjuri ta' godiment ta' dritt jew ghall-inqas li juri l-volonta ta' detenzjoni ossia poter almenu ta' fatt fuq il-haga (ara Appell riportat Vol XLVIII.i.288), *anche' talora privo di causa guridica"* (Prim'Awla 20 ta' Ottubru 1882), u "li ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta' jew servitu" (Vol. XXVII.i.280), "pussess li jista' ukoll ikun illegittimu, qasir hafna u sahansitra momentanju" (Vol XXXVIII.p.ii.642). Dak li huwa mehtieg biex l-ispoljat jesperixxi l-azzjoni tieghu b'success hu, kwindi, li jipprova mhux xi pussess izda "*un possesso di fatto*" tali li hu eskluz jew pussess potenzjli jew ukoll pussess bazat fuq atti ta' mera tolleranza li ma jistghux iservu ta' fondament ghall-akkwist ta' pussess (Vol. XXXVII.i.280).

Il-Qorti ghalhekk hi tal-fehma li tajjeb ikkonkludew il-periti perizjuri fir-relazzjoni taghhom u tadotta, f'dan ir-rigward, dak li jinghad minnhom senjatament fil-paragrafi 25 u 26 ta' l-istess relazzjoni (folio 175 in atti). Izzid tghid biss li a bazi tal-provi li gew prodotti f'dan il-kaz l-atturi wkoll ma rnexxilhomx jippruvaw li t-tgawdija vantata u allegata minnhom ta' passagg

bir-rigel u bl-igenji kien jinkludi wkoll ix-xhur tax-xitwa. L-allegat spoll minnhom reklamat ghalhekk hu eskluz mit-termini stess tac-citazzjoni taghhom li tirreferi ghall-perjodu bejn l-ewwel u l-hdax ta' Dicembru li palesament huma xhur xitwija.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi qeghdha tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur